

21998D0709(05)

9.7.1998

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 193/43

## ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 88/97

tad- 9 ta' Diċembru 1997

**li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif aġġustat mill-Protokoll li Jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-Ftehim, u partikolarment l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi l-Anness II tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 64/97 ta' l-4 ta' Ottubru 1997 <sup>(1)</sup>;

Billi d-Direttiva 96/70/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Ottubru 1996 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 80/777/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri konnessa ma' l-esplojtazzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' ilma minerali naturali <sup>(2)</sup> għandha tkun inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-inċiż li ġej għandu jiżded fil-punt 26 (Direttiva tal-Kunsill 80/777/KEE) tal-Kapitolu XII ta' l-Anness II tal-Ftehim:

“– **396 L 0070:** Id-Direttiva 96/70/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU Nru L 299, tat-23.11.1996, p. 26).”.

*Artikolu 2*

It-testi tad-Direttiva 96/70/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fil-lingwi Islandiża u dik Norveġiża, li huma annessi mal-verżjonijiet tal-lingwa rispettivi għal din id-Deċiżjoni, huma awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-10 ta' Diċembru 1997, bil-kondizzjoni illi jkunu saru n-notifiki kollha skond l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lil Kumitat Konġunt taż-ŻEE.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE tal-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Magħmula fi Brussel, fid-9 ta' Diċembru 1997.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

E. BULL

<sup>(1)</sup> ĠU L 30, tal-5.2.1998, p. 38

<sup>(2)</sup> ĠU L 299, tat-23.11.1996, p. 26.